

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2013 — Merlin et vs UASI — Dusyma (Logħba)

(Kawża T-231/10) ⁽¹⁾

(“Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta logħba — Disinn preċedenti — Raġunijiet għal invalidità — Novità — Karattru individwali — Distinzjoni bejn prodott u disinn — Artikoli 3, 4, 6 u Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002”)

(2013/C 359/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Merlin Handelsgesellschaft mbH (Forchtenberg, il-Ġermanja); Rolf Krämer (Forchtenberg); BLS Basteln Lernen Spielen GmbH (Forchtenberg); u Andreas Hohl (Künzelsau, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Kramer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Dusyma Kindergartenbedarf GmbH (Schorndorf, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Zinnecker, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI tas-17 ta' Marzu 2010 (Każ R 879/2009-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Merlin Handelsgesellschaft mbH et u Dusyma Kindergartenbedarf GmbH.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Merlin Handelsgesellschaft mbH, Rolf Krämer, BLS Basteln Lernen Spielen GmbH u Andreas Hohl huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 209, 31.07.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2013 — Biotronik SE vs UASI — Cardios Sistemas (CARDIO MANAGER)

(Kawża T-416/11) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali CARDIO MANAGER — Trade mark nazzjonali verbali CardioMessenger — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Assenza ta' prova tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 359/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Biotronik SE & Co. KG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Reich, S. Pietzcker u R. Jacobs, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Cardios Sistemas Comercial e Industrial Ltda (Sao Paulo, il-Brażil)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta' Mejju 2011 (Każ R 1156/2010-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Biotronik SE & Co. KG u Cardios Sistemas Comercial e Industrial Ltda.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Biotronik SE & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 298, 08.10.2011.